

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 936/2007**tas-6 ta' Awwissu 2007****li jiddefinixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, il-prezz tax-xiri taż-żbib u t-tin niexef mhux ipproċessat min-naħa ta' l-aġenziji tal-ħżin**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(8) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kriterji tad-definizzjoni tal-prezz li bih l-aġenziji tal-ħżin jixtru t-tin imqadded u ż-żbib mhux ipproċessat huma stipulati bl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, u l-kundizzjonijiet tax-xiri u l-ġestjoni tal-prodotti min-naħa ta' l-aġenziji tal-ħżin huma ddefiniti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema għall-ħażna ta' l-għeneb imqadded mhux ipproċessat u t-tin imqadded mhux ipproċessat ⁽²⁾.

(2) Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ddefinit il-prezz tax-xiri għas-sena tas-suq 2007/2008, għaż-żbib abbażi ta' l-iżviluppi fil-prezzijiet dinjija, u għat-tin imqadded abbażi tal-prezz minimu definit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru

1207/2006 tad-9 ta' Awwissu 2006 li għas-sena tas-suq 2006/2007 jistabbilixxi l-prezz minimu li għandu jitħallas lill-produtturi tat-tin imqadded mhux ipproċessat kif ukoll l-ammont ta' l-ghajjuna għall-produzzjoni għat-tin imqadded ⁽³⁾.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-prodotti pproċessati abbażi tal-frott u l-ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-prezz tax-xiri msemmi fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 huwa:

- a) EUR 458,96 it-tunnellata netta għaż-żbib mhux ipproċessat;
- b) EUR 597,55 it-tunnellata netta għat-tin imqadded mhux ipproċessat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

⁽²⁾ ĠU L 192, 24.7.1999, p. 33. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1051/2005 (ĠU L 173, 6.7.2005, p. 5).

⁽³⁾ ĠU L 219, 10.8.2006, p. 9.